MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 911/2001/2

**John Baptist Zammit**

**v.**

**John Grech**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**Rat l-Avviz li bih l-attur** talab il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tlett elef u mitt lira Maltin (Lm3,100) rapprezentanti bilanc dovut minn ammont akbar misluf lilu mill-attur.

Bl-ispjjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2001, u l-mandat ta' inibizzjoni Nru 2409/01DS u bl-imghax mit-30 t'Awissu 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** John Grech fejn eccepixxa illi:

"1. It-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi l-istess talba hija bbazata fuq fatti illeciti u anke frawdolenti, u mhux fuq self kif qed jallega l-attur, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni talkawza;"

"2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi."

**Rat il-kontro talba tal-konvenut** John Grech fejn talab:
"1. Li din il-Qorti joghgobha tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas is-somma ta' elfejn u disa' mitt lira Maltin (Lm2,900) rapprezentanti pagamenti effettwati lill-attur rikonvenut ghal xiri ta' proprjeta liema negozju qatt ma materjalizza, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' zewg risposti li saru mill-konvenut rikonvenjenti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2409/01 DS, u bl-imghaxijiet legali kontra l-attur rikonvenut ingunt ghas-subizzjoni."

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontrotalba** fejn eccepixxa illi :
"1. It-talba tal-konvenut John Grech ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante illi t-talba tieghu hija bbazata fuq fatti inveritieri in kwantu ghall-fatt li l-ammont ta' elfejn u disa' mitt lira Maltin (Lm2,900) mitlub huwa fil-fatt pagament parzjali ta' somma akbar mislufa mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenut rikonvenzjonat u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi."

**Fit-18 ta' Gunju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is segwenti sentenza fl-ismijiet premessi wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:-**
"Mill-provi prodotti jirrizulta illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-attur kien hareg cekk ghall-ammont ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) u kkonsenjah lill-konvenut fil-prezenza ta terza persuna, certu Simon Spiteri, u lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar il-fatt illi, dak inhar li saret din l-

operazzjoni kienet saret skrittura li l-kopja taghha tinsab esibita a fol. 30 tal-process u mmarkata dokument JB1.

“Minn dina l-iskrittura jirrizulta b’mod car illi l-konvenut John Grech, personalment jikkonferma illi rcieva somma ta’ Lm6,000 (sitt elef lira Maltin) minghand l-attur, li din issomma kellha tigi kkunsidrata bhala self u li dan is-self kellu jithallas fi zmien (6) sitt xhur b’rata ta imghax ta’ 15%.

“In garanzija tal-pagament fil-hin ta’ dan is-self flimkien ma’ l-imghax, il-konvenut personalment kien hareg tlett (3) cekkijiet datati it-30 ta’ Settembru 2000, 30 ta’ Dicembru 2000, 30 ta’ Jannar 2001, respettivament ghall-ammonti ta’ Lm2,900 (elfejn u disgha mitt lira Maltin), Lm3,800 (tlett elef u tmien mitt lira Maltin) u Lm2,300 (elfejn u tlett mitt lira Maltin). Dina l-iskrittura in segwitu giet iffirmata minn Simon Spiteri bhala xhud u in konferma tal-identita’ tal-kontendenti.

“Jirrizulta wkoll inkontestat illi meta l-attur mar biex isarraf l-ewwel cekk enumerat 221 u li mmatura fit-30 ta’ Settembru 2000 ghall-ammont Lm2,900 (elfejn u disgha mitt lira Maltin), dan ic-cekk ma giex onorat u kif ikkonferma l-manager tal-bank in kwistjoni dan ma giex imsarraf ghaliex kien l-istess konvenut John Grech illi kien ta’ istruzzjonijiet lill-bank tieghu biex ma jirrilaxxjawx il-flus favur l-attur.

“In segwitu jirrizulta wkoll illi minhabba pressjoni li ghamel l-attur fuq l-konvenut biex jithallas, l-istess konvenut kien effettivament hallas, in parti fi flus kontanti permezz u in parti b’ cekk iehor, l-ewwel ammont ta’ Lm2,900 (elfejn u disa’ mitt lira Maltin), biex b’hekk halla bilanc dovut lill-attur fis-somma ta’ Lm3,800 (tlett elef u tmien mitt lira Maltin) u bl-imghax jekk ikun il-kaz.

“Billi ma tirrizulta minn imkien xi deficjenza mentali tal-konvenut John Grech, l-iskrittura minnu iffirmata ghandha titqies bhala l-prova definittiva tal-ftehim li effettivament intlahaq bejnu u bejn l-attur.

“In oltre dak li gie miftiehem fl-iskrittura juri b’mod car illi l-ftehim kien jirrigwarda self semplici ta’ somma ta’ Lm6,000 (sitt elef lira Maltin) mghamul mill-attur lill-konvenut u li din is-somma kellha tithallas lura mhux iktar tard mit-30 ta’ Jannar tas-sena 2001.

“Ghalhekk biex jirribatti dak li jirrizulta mill-iskritt il-konvenut kellu jipprovdi provi verament skjaccanti li jindikaw xi simulazzjoni f’dak il-kuntratt u li effettivament kienet qed tigi miftehma xi haga ohra illi mhix rispekkjata fl-istess skrittura.

“Izda l-provi illi gab il-konvenut huma fil-fatt verament fqar fis-sens illi mkien ma jimplikaw lill-attur f’xi operazzjoni jew negozju ma terzi persuni. Izda dawn il-provi anzi jindikaw illi ghal xi raguni jew ohra il-konvenut kien dahal personalment ghal dan is-self biex jiffacilita’ xi negozju ulterjuri li seta’ kellu ma’ certu Simon Spiteri.

“Infatti jirrizulta wkoll illi nonostante li l-konvenut isosstni illi kien hemm kundizzjoni ohra tacita illi l-attur ma setax jithallas jekk il-konvenut ma kienx ser jigbor il-flus minghand l-istess Simon Spiteri, dan effettivament ma kienx il-kaz billi l-istess konvenut minghajr ma rcieva ebda flus minghand Simon Spiteri, kien effettivament ghamel l-ewwel pagament ta’ Lm2,900 (elfejn u disa’ mitt lira Maltin), akkont tad-debitu tieghu.

“Ghaldaqstant ma jirrizulta xejn minn dak li qieghed jallega l-konvenut fil-kontro talba tieghu u l-Qorti qeghdha ghalhekk ukoll tichad din l-istess kontro-talba u tirrespingi l-istess eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut ghall-istess talba ta’ l-attur u konsegwentement qeghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm3,100 ( tlett elef u mitt lira Maltin), ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali b’effett mit-30 ta’ Awissu tas-sena 2000.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

**Il-konvenut appella minn din is-sentenza u fit-28 ta’ April 2004 il-Qorti ta’ l-Appell qatghet l-appell** billi

filwaqt li cahdet l-aggravji ta' l-appellant, ikkonfermat is-sentenza appellata. L-ispejjez ta' l-appell ghall-appellant.

**RITRATTAZZJONI**

B'dawn il-proceduri l-konvenut ritrattand qed jitlob li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq imsemmija tigi mhassra a tenur ta' l-artikolu 811(a) u (k) tal-Kap. 12 u tordna r-ritrattazzjoni taghha skond il-ligi.

L-attur ritrattat wiegeb li t-talbiet tar-rittrattand ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-ritrattand.

**KONTESTAZZJONI**

Fil-kaz in ezami r-ritrattand qed jikkontendi li r-ritrattat ottjena s-sentenza fuq imsemmija a bazi ta' frodi u ingann perpetrat minnu fil-konfront tieghu u skopra dan il-frodi billi ottjena kopja ta' cheque rilaxxjat mir-ritrattat favur terza persuna u mhux favur ir-ritrattand.

Illi r-ritrattand wiegeb li hu ma pprattika ebda frodi u ingann u dan kif spjegat kemm fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell billi skond l-iskrittura a fol. 30 il-flus gew mislufa lir-ritrattand u lil hadd aktar. Illi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat li ma kien hemm ebda frodi da parti tar-ritrattat. Kwantu ghad-dokument li gie pprezentat mir-ritrattand mar-rikors, dan mhux essenzjali ghal kwistjoni billi l-ftehim gie ffirmat liberament mir-ritrattand.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-ritrattand qed jibbaza t-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni a bazi ta' l-artikolu 811(a) u (k) tal-Kap. 12.

L-artikolu 811 jipprovdi li kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

(*a*)  jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra;

(*k*) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setetx iggibu, qabel dik is-sentenza.

**Qerq**

Illi fil-kaz in ezami l-ewwel bazi li fuqha r-ritrattand qed jitlob ir-ritrattazzjoni tas-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) hija li gie perpertrat ingann fil-konfront tieghu billi skopra cheque rilaxxjat mir-ritrattat favur terza persuna u mhux favur tieghu.

Mill-provi prodotti, liema provi gew ezaminati mill-Qorti tal-Magistrati u mill-Qorti ta' l-Appell, jirrizulta li meta sar il-ftehim, ir-ritrattat kien hareg cheque in bjank u tah lil Grech billi skond l-iskrittura a fol. 30 is-self sar ma' Grech u Spiteri kien biss xhud.  X'ghamel imbaghad Grech bic-cheque u xi ftehim kien hemm bejnu u Spiteri ma kienx jinteressa lil Zammit u lanqas gie infurmat bih.  Li jorbot u li holoq ir-relazzjoni guridika bejn Zammit u Grech kien il-ftehim u mhux ic-cheque jew kif ghaddew il-flus.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell f'dan ir-rigward:
"Fil-verita` dak kollu li seta' kien intiz bejn l-appellant u Simon Spiteri li mieghu l-appellant, kif konfessat minnu, kien gja kellu negozji ma jfisserx illi, ghal min kien intenzjonat is-self, gie zvelat lill-attur appellat".

Illi l-kwistjoni dwar lil min sar is-self regghet giet sollevata quddiem dina l-Qorti u l-kwistjoni dwar l-allegat ingann u frodi da parti tar-ritrattat diga` giet ezaminata mill-Qorti ta' l-Appell u fil-fatt dik il-Qorti sabet li ma gie ezercitat ebda ingann da parti tar-ritrattat.  Dwar dan il-Qorti ta' l-Appell qalet:
"Sewwa rragunat l-ewwel Qorti f'dan il-kuntest illi, biex seta' jirribatti l-iskritt, il-konvenut htieglu jipprova adegwatament l-ezistenza tas-simulazzjoni (Ara Vol XII p348) u, jista' jizdied ukoll, il-frodi jew raguni ohra valida

(Vol XVI pII p90), jew li l-kitba kienet ambigwa (Vol XXVI pI p414) jew xi patt incidentali u accessorju (Vol XX pI p634). **Minn dan kollu l-konvenut ma pprova xejn".** (emfasi tal-Qorti)

"X'seta' haseb l-appellant illi hu kien biss garanti tas-self intenzjonat ghal haddiehor, b'daqshekk, ma jaghtix lill-iskrittura l-ebda sapur ta' qerq jew frodi orkestrata min kollutazzjoni bejn l-attur u l-imsemmi Simon Spiteri".

Din il-Qorti tirrileva li se mai l-ingann kien gej minn naha tar-ritrattand li avolja kien jaf li r-ritrattat ma kienx jafda lil Spiteri xorta resaq ghand ir-ritrattat biex jissellef il-flus bla ma jinfurmah bl-intenzjonijiet tieghu.

**Sejba ta' dokument decisiv**

Illi dwar il-kawzali li, wara li nghatat is-sentenza, nstab dokument deciziv (Art. 811(k)), ghandu jinghad li l-ligi tqieghed xi kundizzjonijiet qabel ma cirkostanza bhal din tista' twassal biex isir is-smigh mill-gdid ta' kawza li tkun ghaddiet f'gudikat. Il-ligi titkellem dwar dokument deciziv. Dan ifisser li mhux kull dokument li parti tista' tiskopri wara s-sentenza huwa bizzejjed biex iwassal ghas-smigh mill-gdid tal-kawza. Irid ikun dokument "deciziv", jigifieri dokument li s-sahha tieghu bhala prova tkun determinanti fuq il-qofol tal-kwestjoni li s-sentenza impunjata tkun stharrget. Imma mhux mehtieg li dak id-dokument ikun ta' siwi konklussiv ghall-kwestjoni.

Issa fil-kaz in ezami, kif iddecidiet il-Qorti ta' l-Appell kien indubbjament vitali l-konsiderazzjoni akkordata mill-ewwel Qorti lill-kopja ta' l-iskrittura ta' self a fol. 30 li manifestament kienet turi li l-persuna li kienet isselfet il-flus kienet il-konvenut appellanti. Kien dan il-ftehim li holqot ir-relazzjoni guridika bejn ir-ritrattand u r-ritrattat u mhux ic-cheque jew kif ghaddew il-flus.

Inoltre l-ligi trid li l-parti li ssib dokument bhal dan ma kinitx taf bih sa qabel ma nghatat is-sentenza li hija trid twaqqa', jew, ghalkemm setghet tkun taf dwaru, ma setghetx, bil-mezzi li taghtiha l-ligi, tressqu fil-kawza qabel ma tkun

lahqet inghatat is-sentenza. F'kaz bhal dan, il-ligi taghmilha cara li r-ritrattand f'din il-procedura jkun irid juri li ghamel kulma seta' fil-hila tieghu u fiz-zmien xieraq biex jew isib dak id-dokument jew li jressqu fl-atti. (App. 5.4.1937 fil-kawza fl-ismijiet *Galea vs Cuschieri* (Kollez. Vol: XXIX.i.1468); App. Kumm. 24.1.1997 fil-kawza fl-ismijiet *Busuttil vs Gauci et* (Kollez. Vol: LXXXI.ii.188); App. 28.2.1997 fil-kawza fl-ismijiet *Vassallo vs Chetcuti et* (Kollez.Vol: LXXXI.ii.417: App Micallef vs Mangion 23/6/06).

Fil-kaz in ezami jirrizulta li r-ritrattand kien irceva c-cheque minghand ir-ritrattat u hu biss kien responsabbili ghal dak li seta' gara lic-cheque u kien x'se jsir mic-cheque. Hu ma jistax ighid li ma kellux il-mezzi jew li ma setax ikun jaf x'sar mid-dokument jew jressqu qabel tinqata' l-kawza meta dana ghadda minn taht idejh. Ir-ritrattand ma weriex li hu ghamel kulma seta' fil-hila tieghu u fiz-zmien xieraq biex jew isib dak id-dokument jew li jressqu fl-atti. Parti ma' tistax l-ewwel tonqos milli taghmel hilitha biex tressaq il-provi kollha taghha, u mbaghad, wara li l-kawza tkun inqatghet, tibda thabrek biex issib il-prova eluziva li kienet tehtieg. L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu u ma jistax jigi permess li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba tar-ritrattand ghas-smigh mill-gdid ta' l-Appell
U stante li t-talba hija wahda frivola
Tikkundanna lir-ritrattand ghal spejjez doppji.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------